# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April 2001**

**Numru: 42**
**Citaz. Numru: 481/01/RCP**

**David u Michael ahwa Sciberras ghall-"Firm Benny Sciberras"**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih id-ditta attrici premettiet:

Illi l-atturi ahwa Sciberras ghal "Firm Benny Sciberras" huma kredituri tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf tlett mija u tmienja u sebghin lira u tlett centezmi (Lm28372.03c0) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta;

Illi dan l-ammont ghadu dovut u s-socjeta` konvenuta mitluba thallas naqset li thallas.

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-istess ditta attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi b'dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sebghin lira u tlett centezmi (Lm28372.03c0) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta mill-"Firm Benny Sciberras".

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 864/01/NB tad-29 ta' Marzu 2001 kontra socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi ghan-nom tad-ditta attrici.

Rat li socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tad-ditta attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

(2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf tlett mija u tnejn u sebghin lira u tlett centezmi (Lm28372.03c0) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta` konvenuta mill-"Firm Benny Sciberras".

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 864/01/NB tad-29 ta' Marzu 2001 kontra socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**24 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**24 t'April, 2001**